MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Numru. 1112/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Daniel Zammit)**

**(Spettur Kylie Borg)**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**George Grech**

**Id No 38261(M)**

**Illum 29 t'Ottubru 2012**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **George Grech** ta' 52 sena, bin Joseph u Carmela *nee'* Azzopardi, mwieled Cospicua nhar is-6 t'Ottubru, 1960 u residenti gewwa 10, Triq Matty Grima, Bormla u detentur tal-karta tal-identita' numru 38261(M);

1. Talli nhar is-27 t'Ottubru 2012, ghall-habta ta' nofsinhar (12.00hrs) ikkommetta serq minn gewwa l-kazin tal-banda King's Own, li jinsab sitwat fi Triq ir-Repubblika, Valletta, ghad-dannu ta' klijenti ta' l-istess kazin, u liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

2. U aktar talli nhar is-27 t'Ottubru 2012, ghall-habta tas-sebgha nofs ta' filghaxija (19.30hrs) ikkommetta serq minn gewwa l-kazin tal-banda King's Own, li jinsab sitwat fi Triq ir-Repubblika, Valletta, ghad-dannu ta' klijenti ta' l-istess kazin, u liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin;

3. U aktar talli nhar is-27 t'Ottubru 2012, ghall-habta ta' nofs il-lejl neqsin kwart (23.45hrs), ikkommetta serq minn gewwa The Avenue Restaurant, li jinsab sitwat fi Triq Ball, San Giljan, ghad-dannu ta' klijenti ta' l-istess restaurant, u liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin;

4. U aktar talli nhar il-5 t'April 2012, ghall-habta tat-tmienja ta'filghaxija (20.00hrs), ikkommetta serq minn gewwa l-kazin tal-banda King's Own, li jinsab sitwat fi Triq ir-Repubblika, Valletta, ghad-dannu ta' klijenti ta' l-istess kazin, u liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin;

5. U aktar talli nhar il-5 t'April 2012, ghall-habta tad-disgha ta' filghaxija (21.00hrs), bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe serq minn gewwa ta' Kolina Restaurant, li jinsab fi Triq Amery, Tas-Sliema, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin;

6. U aktar talli nhar it-3 t'April 2012, ghall-habta tat-tmienja u kwart ta' filghaxija (20.15hrs), ikkommetta serq minn gewwa Luciano's Restaurant, li jinsab sitwat fi Triq Merkanti, Valletta ghad-dannu ta' klijenti ta' l-istess restaurant, u liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin;

7. U aktar talli nhar it-13 t'Ottubru 2011, ghall-habta tad-disgha u ghoxrin ta' filghodu (09.20hrs), ikkommetta serq minn gewwa 202 Jewellery, li jinsab sitwat fi Triq Merkanti, Valletta, ghad-dannu tas-sidien u diretturi ta' l-istess hanut, u liema serq jammonta ghal ghoxrin euro (€20);

8. Nakkuzawh ukoll talli irrenda ruhu ricediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b' diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu kif ukoll bi ksur tal-Probation a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu;

Il-Qorti rat l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront ta' l-akkuzat;

Rat l-Artikoli 49, 50, 261, 267, 270, 279(a), 280, 289 tal-Kap 9 tal-Ligi kif ukoll Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kienet infurmata li l-imputat ghandu problema ta' xorb u ghalhekk dawn kienu li wasslu biex hu jikkommetti dawn ir-reati;

Kienet infurmata wkoll li l-imputat kien gia rikoverat gewwa l-Isptar Mount Carmel bil-ghan li jgheleb tali vizzju izda b'ezitu negattiv;

Semghet l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat;

Il-Qorti ghalhekk issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja komplessiva ta' tmintax (18)-il xahar u tordna li fil-perjodu li huwa jkun ikkarcerat jinghata l-kura kollha necessarja gewwa l-Isptar Mount Carmel bl-isperanza li forsi jgheleb il-vizzju tax-xorb.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------